Qari - K7 Naqra u nifhem testi matematiċi, xjentifiċi u teknoloġiċi li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum bħal enċiklopediji, fuljetti, siti elettroniċi, u l-bqija.

Qari – K2 Dak li naqra, nifhmu, ngħarblu, nifforma opinjoni dwaru u nesprimiha, inwieġeb mistoqsijiet diretti u inferenzjali.

# Is-Sistema Solari



malti.skola.edu.mt

LIVEWORKSHEETS

**Aqra s-silta.**




Is-sistema solari tagħna tinkludi x-xemx u dak kollu li jdur magħha. Fiha hemm il-pjaneti kollha u l-qmura tagħhom u oġġetti spazjali bħal kometi. Hemm ukoll żewġ faxex vasti ta' blat itir imsejħa l-Asteroid Belt u l-Kuiper Belt. (paragrafu 1)

Il-qamar idur mad-dinja bl-istess mod li d-dinja ddur max-xemx. Fuq il-qamar la hemm arja, la hemm temp u lanqas hemm ħajja. Huwa post griż, kollu trab, jikwi matul il-jum u kiesaħ silġ matul il-lejl. Wiċċ il-qamar huwa mimli ħofor kbar imsejħa krateri. (paragrafu 2)

Ix-xemx hija stilla kbira ħafna. Qisha ballun enormi ta' gass jaqbad. Ix-xemx tarmi dawl u sħana qawwija. It-temperatura f'wiċċ ix-xemx hi ta' 5,500$^0$C! (paragrafu 3)

Merkurju u Venere huma l-iktar żewġ pjaneti qrib tax-xemx. It-tnejn huma pjaneti żgħar u sħan ħafna. Merkurju ddum biss tmienja u tmenin ġurnata tagħna biex iddur madwar ix-xemx. Venere hi l-iżjed pjaneta viċin id-dinja. Fuqha hemm ħafna vulkani, muntanji u widien kbar ħafna. (paragrafu 3)

Marte fiha daqs nofs id-dinja tagħna. Partijiet kbar minnha huma mgħottija bi blat u trab. Din il-pjaneta għandha kisja ta' atmosfera rqiqa magħmula minn gass velenuż. (paragrafu 4)

Ġove hija l-akbar pjaneta u għandha mill-inqas ħamsin qamar. Għandha wkoll l-iqsar ġurnata. Biex iddur dawra fuqha nfisha ddum disa' sigħat u ħamsin minuta. Ġove hija pjaneta tal-maltemp. Madwarha dejjem issib idur ħafna sħab mimli gass. (paragrafu 5)

Saturnu hija t-tieni l-ikbar pjaneta. Madwarha jorbitaw ċrieki wesgħin ta' blat u silġ. Saturnu hi pjaneta ħafifa ħafna. Għandha mill-anqas tletin qamar. (paragrafu 6)

Uranju ddur fuq ġenb. Madwarha hemm saff oħxon ta' gass u dan huwa mgeżwer b'faxx ċpar irqiq. Fil-qalba ta' Uranju hemm blat iebes ħafna.



LIVEWORKSHEETS

(paragrafu 7)

L-eqqel maltempati jseħħu fuq il-pjaneta Nettunu. Nettunu għandha tmien qmura. (paragrafu 8)

Pluto tinsab fit-tarf tas-sistema solari. Din tinsab kważi sitt biljun kilometru bogħod mix-xemx. (paragrafu 9)

Adattata minn *Enċiklopedija għat-tfal*-Pierre J. Mejlak

Kliem immarkat biċ-ċelesti - lingwaġġ matematiku

Kliem immarkat bl-aħdar – lingwaġġ xjentifiku

**A. Immarka Veru jew Falz.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-qamar kiesaħ kemm matul il-jum kif ukoll billejl. | | |
| 2. | Ma nafux kemm hi t-temperatura f'wiċċ ix-xemx. | | |
| 3. | Merkurju u Venere huma l-eqreb pjaneti tax-xemx. | | |
| 4. | Saturnu hi l-ikbar pjaneta. | | |

**B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin.**

| | | |
|---|---|---|
| 5. | Il-qamar hu post griż u kollu trab. | |
| 5. | Il-qamar hu post griż u nadif mit-trab. | |

| | | |
|---|---|---|
| 6. | Merkurju u Venere huma pjaneti kbar u sħan ħafna. | |
| 6. | Merkurju u Venere huma pjaneti żgħar u sħan ħafna. | |



LIVEWORKSHEETS

| | | |
|---|---|---|
| 7. | Ġove għandha l-itwal ġurnata. | |
| 7. | Ġove għandha l-iqsar ġurnata. | |

**Ċ. Imla l-vojt b'kelma waħda.**

8. ________________ hi pjaneta li fiha ħafna vulkani, widien u muntanji.

9. Ġove għadha mill-inqas ________________ qamar.

10. Saturnu hi pjaneta ________________ ħafna.

11. Uranju ddur fuq ________________.

**D. Wieġeb skont is-silta.**

12. X'jissejħu l-blat li hemm fuq il-qamar? (paragrafu 2)

_______________________________________________

13. Kemm iddum Merkurju biex iddur madwar ix-xemx? (paragrafu 3)

_______________________________________________

14. Liema hi l-pjaneta tal-maltemp? (paragrafu 5)

_______________________________________________

15. Liema pjaneta tinsab fit-tarf tas-sistema solari? (paragrafu 9)

_______________________________________________



LIVEWORKSHEETS

**E. Fittex aktar tagħrif interessanti dwar is-sistema solari tagħna. Ikteb bejn 100 u 150 kelma dwar dan is-suġġett.**




______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



LIVEWORKSHEETS